MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Numru 218/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Agius)**
**vs**
**Anisse Bejaoui**
**-Omissis-**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Anisse Bejaoui** ta' 20 sena, bin Driss u Grace *nee'* Xuereb, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Lulju 1989, residenti numru 38, Triq Doni Rabat, detentur tal-karta tal-identita' numru 387889M;
**-Omissis-** ta' 16-il sena, bin Carmelo u Caroline Bridget *nee'* Cardona, mwieled Pieta' nhar id-29 t'Awissu 1993, residenti numru 38, Triq Doni Rabat u detentur tal-karta tal-identita' numru 410993M;

Talli fil-lejl tas-6 ta’ Marzu 2010 ghall-habta ta’ bejn 18:00hrs u 19:00hrs gewwa r-Rabat ikkommettew serq ta’ diesil minn truck bil-high up bin-numru tar-registrazzjoni DAE 982, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-haga misruqa;

Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi b’mod li jkunm xjentement, ghenu lil xulxin jew assistew lill-awtur tad-delitt u cioe’ fl-atti li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkqwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, idahhlu biex ibieghhom jew imexxihom meta kienu jafu li l-haga keinet gejja minn serq;

***Lil Anisse Bejaoui wahdu:***

Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq vettura BAT 287 tal-ghamla Mercedes minghajr licenzja tal-Awtorita’ tat-Trasport Pubbbliku jew tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli huwa sar recediv b’19-il sentenza dwar serq moghtija fi zminijiet differenti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi gew definnitivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom hlief ghat-tielet akkuza li hija wahda alternattiva ghall-ewwel akkuza u qed tilliberahom minnha;

Wara li rat l-artikoli 261 (f) (g), 270, 271, 281(b), 42(d) tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati, u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u 15(1) (a) tal-Kap 65.

Wara li rat il-fedina penali nadifa ta' –*Omissis-* dan ghandu jitqies bhala *first offender* u ghalhekk qed tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446;

Wara li rat l-fedina penali refrattarja ta' Anisse Bejaoui, qed tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jahtar Ufficjal tal-Probation biex jissorvelja lil –*Omissis-*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------